MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 283/2003

**Dingli Co. International Limited**
**bhala mandatrici tas-socjeta estera**
**Performing Right Society Ltd**

**Vs**

**Sovereign Hotels Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u erbgha w disghajn lira w tmienja w tletin centezmu (Lm1,094.38) kwantu ghal – Lm591.64 u Lm360 Royalties ghal sentejn, dovuti bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzji numri 011114 u 011115 rispettivament rilaxxjati mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut rigward l-istabbilment The Windsor Hotel Sliema, u, Lm142.74 Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghal perjodu mis-6 ta' Mejju 2001 sal-5 ta' Mejju 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-prokuratur legali Josette Attard in rapprezentanza tas-socjeta attrici tixhed bil-gurament.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf u erbgha u disghajn lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm1,094.38), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------